



European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

April 2022 | MT

KESE Info EDIZZJONI SPE?JALI – IL-KESE G?ALL-UKRAJNA

The Grassroots View – S3 Episodju 17 – Is-so?jetà ?ivili mag?quda kontra l-aggressjoni Russa

L-Ukrajna ilha mill-24 ta' Frar 2022 tilqa' kontra l-invażjoni tagħha mir-Russja. Minbarra l-għajnuna militari u finanzjarja li tasal minn madwar id-dinja kollha, is-soċjetajiet ċivili Ewropej u Ukreni qed jaħdmu id f'id biex jgħinu lill-komunitajiet f'diffikultà. F'dan l-episodju ta' The Grassroots View (Il-fehma tal-organizzazzjonijiet lokali), stedinna uħud mir-rappreżentanti tagħhom biex jgħidulna l-istejjer tagħhom.

Elena Calistru, membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tispjega kif u għaliex ħafna ċittadini Rumani qed jgħinu lill-Ukreni li qed jaħarbu biex isibu akkomodazzjoni u ikel. Hija titkellem dwar ir-rwol tal-KESE li bis-saħħa tan-network tiegħu rnexxielu joħloq malajr mekkaniżmi biex jgħinu lil dawk l-aktar li għandhom bżonn.

Marta Barandiy, fundatriċi tal-NGO Promote Ukraine, ibbażata fi Brussell u Kiev, tiddekrivi s-sitwazzjoni mill-perspettiva Ukrena. Hija tgħidilna kif il-ħidma tagħha nbidlet minn meta faqqgħet il-gwerra, kemm huwa kruċjali r-rwol tas-soċjetà ċivili, u kif il-poplu Ukren qatt mhu se jċedi għall-invażur.

Fl-aħħar, Bartosz Wielński, Viċi Kap Editur ta' Gazeta Wyborcza, jgħidilna dwar l-impatt tal-gwerra fuq il-Polonja u kif il-poplu Pollakk qed jadotta approċċ ġdid għall-fenomeni tar-refuġjati. Huwa jispjega, pereżempju, kif is-sistema skolastika tilqa' u tgħin liż-żgħażaġħ Ukreni. (tk)

Available Languages:

| | | | | | | | | | | | | | | | |
|----|----|----|----|----|----|----|----|----|----|----|----|----|----|----|----|
| ES | BG | CS | DA | EN | DE | ET | FR | EL | GA | HR | IT | LV | LT | HU | MT |
| NL | PL | PT | FI | RO | SK | SL | SV | | | | | | | | |

EDITORJAL



Editorjal

Ninsabu f'solidarjetà mal-Ukrajna

Għeżież qarrejja,

F'dan il-mument traġiku maħluq mill-aggressjoni militari Russa, li mhiex provokata u mhiex ġustifikata, kontra l-Ukrajna, ninsabu f'solidarjetà mal-poplu Ukren.

Matul is-sessjoni plenarja ta' Marzu, rappreżentanti mis-soċjetà ċivili Ukrena u Russa kellhom impatt emozzjonali qawwi għad-dibattitu permezz tal-esperjenzi tagħhom tal-gwerra. "Din il-gwerra mhiex biss aggressjoni militari kontra l-Ukrajna, iżda hija wkoll reat kontra ċ-ċivilizzazzjoni". Kliem **Anatolij Kinakh**, President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Tripartitiku Nazzjonali tal-Ukrajna, ħalla impatt qawwi fost il-membri u l-mistednin tal-plenarja.

Il-membri tal-Kumitat appoġġjaw ir-[Riżoluzzjoni dwar "Il-gwerra fl-Ukrajna u l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tagħha"](#), esprimew is-solidarjetà tagħhom mal-Ukrajna u enfasizzaw ir-rwol tas-soċjetà ċivili biex tassisti lill-poplu u lir-refuġjati Ukreni.

L-Ewropa qed tiffaċċja l-akbar kriżi tar-refuġjati mit-Tieni Gwerra Dinjija, hekk kif f'xahar wieħed biss, madwar 3,5 miljun refuġjat, inkluż 1,8 miljun tifel u tifla, ġew sfurzati jaħarbu mill-pajjiż. Madankollu, l-Ewropa tinsab maqgħuda mal-poplu Ukren, u qed tibdel is-solidarjetà f'azzjoni.

Sa mill-bidu tal-gwerra, osservajna mewġa unika ta' ġenerożità lejn ir-refuġjati Ukreni, eżempju uniku ta' solidarjetà, għaqda u altruiżmu.

Is-soċjetà ċivili tappoġġja lill-poplu Ukren. Il-poplu Ukren qiegħed jiddefendi l-paċi u s-sigurtà għal kulħadd. Din it-traġedja umana m'għandhiex fruntieri; tikkonċernana lkoll.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, li jirrappreżenta lis-soċjetà ċivili organizzata, qed jibdel il-kliem f'fatti. Il-membri tagħna u l-organizzazzjonijiet tagħhom huma impenjati bis-sħiħ biex jassistu lir-refuġjati Ukreni f'kull mod possibbli, u l-mod kif organizzaw ruħhom kien impressjonanti.

¶loqna paġna web speċjali ddedikata għall-Ukraina:

<https://www.eesc.europa.eu/en/initiatives/eesc-ukraine>, fejn tista' tara l-ħidma u l-inizjattivi li qegħdin jitwettqu mill-membri tagħna u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tagħhom.

Cillian Lohan, Viċi President tal-KESE



MILL-UKRAJNA FIT-TRIQ LEJN...

L-istorja traġika tal-Ukrajna qed tiżvolġi quddiem għajnejna, bis-saħħa tal-ħidma bla heda u erojka tal-ġurnalisti, il-fotografi u l-operaturi tal-kameras li jmorru fejn ma nistgħux immorru aħna.

Wieħed minn dawn, il-fotografu Pollakk **Sławek Kaminski**, bagħatilna ritratti tiegħu mill-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Polonja, mill-belt Pollakka ta' Rzeszów u minn Medyka-Shehyni fil-fruntiera bejn l-Ukrajna u l-Polonja.

Illum qed nippublikaw it-tieni ritratt mill-fruntiera Pollakka-Ukrajna. Grazzi tal-mumentu maqbuda fir-ritratt. (ehp)

Ritratt: Sławek Kaminski/GW

TO THE POINT

DRITT GĦALL-PUNT

Fir-rokna tagħna "Dritt għall-punt" nistaqsu lill-membri tal-KESE biex jenfasizzaw aspetti ta' Opinjoni jew Inizjattiva li huma jqsu importanti. Din id-darba tlabna lil **Veselin Mitov**, kopresident tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili UE-Ukrajna biex jispjega r-rwol tal-pjattaforma u b'mod partikolari il-kompitu tagħha fid-dawl tal-gwerra li għaddejja fl-Ukrajna.

Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili UE-Ukrajna ġiet stabbilita fl-2015, b'konformità mal-Artikolu 469 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna li ġie ffirmat nhar il-21 ta' Marzu 2014, biex tippermetti lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili miż-żewġ naħat jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-ftehim. (at)



“L-EWWEL KOMPITU TAG?NA HUWA LI NINTEGRAW IR-REFU?JATI TAL-GWERRA UKRENI FIS-SO?JETAJIET EWROPEJ”

Għalija, bħala kopresident tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili UE-Ukrajna, huwa meħtieġ li jerġgħu jiġu stabbiliti u jinżammu r-rabtiet bejn il-membri tal-pjattaforma, li jirrappreżentaw lil min iħaddem, lill-ħaddiema u lill-NGOs. F’dan iż-żmien kruċjali, bil-gwerra li għaddejja fl-Ukrajna, irridu nżommu kuntatti mal-parteciċipanti Ukreni tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili.

Jekk jirnexxielna nżommu r-rabtiet ħajjin u niżguraw l-funzjonament tan-network, nistgħu nagħmlu progress f’dak li jirrigwarda l-prijoritajiet. Għall-mument, l-oġettiv prinċipali għandu jkun li jiġu identifikati l-ħtiġijiet prattiċi tal-poplu Ukren u naraw kif nistgħu, bħala membri tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili, ngħinu lill-kollegi Ukreni tagħna b’atti ta’ solidarjetà f’din is-sitwazzjoni estremament diffiċli.

Iżda nemmen li l-kompitu l-iżjed importanti tagħna huwa li ngħinu fl-integrazzjoni tar-refuġjati tal-gwerra Ukreni, billi ‘l fuq minn ħames miljun ruħ ħarbu lejn pajjiżi ġirien jew pajjiżi Ewropej oħra. Fuq nett fl-aġenda tagħna fil-laqgħa li jmiss tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili UE-Ukrajna għandha tkun l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tar-refuġjati Ukreni. Jeħtieġ li nsibu modi li bihom l-adulti u t-tfal Ukreni jistgħu jiġu inkorporati fl-istruttura soċjali u ekonomika tal-pajjiżi individwali sabiex tingħata għajjnuna ħalli tittaffa t-trauma tal-gwerra. Naturalment, meta l-gwerra tintemm, il-pass li jmiss tagħna jkun li ngħinu lil dawn in-nies jintegraw lura fl-Ukrajna.

Aħna ninsabu spalla ma’ spalla mal-poplu Ukren u bħala l-Pjattforma tas-Soċjetà Ċivili nesprimu s-solidarjetà sħiħa tagħna.

Veselin Mitov, Membru tal-KESE, kopresident tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili UE-Ukrajna

“MISTOQSIJA WA?DA LIL...”



Mistoqsija lil ...

Fil-kolonna tagħna “Mistoqsija lil...”, l-eks membru tal-KESE David Stulík iwiegħeb mistoqsija mill-KESE Info dwar il-konsegwenzi possibbli tal-gwerra fl-Ukrajna.

David Stulík bħalissa huwa analist superjuri u l-kap tal-programm tal-Ewropa tal-Lvant fi ħdan il-grupp ta' riflessjoni ċ-Ċentru ta' Valuri Ewropej għall-Politika ta' Sigurtà. Huwa wkoll Kopresident tal-Forum uffiċjali tas-Soċjetà Ċivili Ċeka-Ukrena. Qabel dan, qatta' 12-il sena bħala diplomatiku

tal-UE fl-Ukrajna bħala Uffiċjal tal-Istampa u l-Informazzjoni fid-Delegazzjoni tal-UE. Wara l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka mal-UE, huwa nħatar bħala membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew mill-Gvern Ċek, fejn irrappreżenta lis-settur Ċek mhux governattiv u serva wkoll bħala relatur għall-Belarusija. Fost l-oqsma ta' interess u għarfien espert tiegħu hemm it-tkabbir tal-UE u l-politika tal-viċinat, l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili, il-politiki ta' komunikazzjoni tal-UE, il-lobbying tal-UE, id-djalogu ċiviku u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tranżizzjoni postkomunista. (ab)



David Stulík: “Qed nassistu g?al mew?a bla pre? edent ta' solidarjetà u appo?? g?all-Ukrajna”

KESE info: Bil-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, qed nassistu għal mobilizzazzjoni bla preċedent tas-soċjetà ċivili, li qed tistinka biex tgħin lill-poplu Ukren. X'inhuma l-aktar azzjonijiet notevoli f'din il-mewġa enormi ta' appoġġ uman għall-Ukrajna - l-

għajjnuna umanitarja, it-trasport, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, l-iskejjel, it-tagħlim tal-lingwi barranin? X'tagħlimiet hemm għalina bħala ċittadini li qed inħabbtu wiċċna ma' traġedja umana?

David Stulík: Il-mewġa ta' solidarjetà u appoġġ għall-Ukrajna fl-UE hija bla preċedent u tagħtina tama li eventwalment il-valuri Ewropej se jipprevalu fuq il-barbariżmu Russu u l-użu krudili tal-forza.

Huwa kommoventi ħafna u ta' inkoraġġiment mil-lat emozzjonali li tara l-għajjnuna umanitarja li qed jagħtu l-Ewropej lill-Ukrajna. Madankollu, irridu nkunu konxji ta' xi kwistjonijiet li s-soċjetà ċivili trid iżżomm f'moħħha.

L-ewwel nett, meta ngħinu lir-refuġjati Ukreni fil-ħtiġijiet kollha tagħhom (akkomodazzjoni, edukazzjoni tat-tfal, xogħol), qed niffaċċjaw il-konsegwenzi tal-ħażen fl-azzjonijiet u r-reati ta' gwerra mwettqa mir-Russja ta' Putin. Madankollu, irridu nindirizzaw ir-raġuni li wasslet għal dawn l-atroċitajiet. Ir-raġuni hija l-eżistenza tar-reġim ta' Putin li għadu jgawdi minn appoġġ mifruq fost il-poplu Russu.

Jekk jirnexxielna nwaqqfu dan, se nwaqqfu wkoll il-fluss ta' refuġjati Ukreni lejn l-Ewropa. L-Ukreni jkunu aktar minn kuntenti li jibqgħu f'pajjiżhom u jgħixu hemm fil-paċi.

Dan iwassalni għat-tieni element ta' dak li nemmen li s-soċjetà ċivili Ewropea għandha tistinka għalih. Ilkoll kemm aħna rridu nwaqqfu l-azzjonijiet insensati tat-tmexxija Russa.

Irridu nirrealizzaw li qed jattakkaw lilna wkoll, mhux biss l-Ukrajna. Il-propaganda Russa tpingina, l-UE u n-NATO, bħala l-għedewwa l-kbar tagħhom, li qed jużaw l-Ukrajna bħala puppazz kontra r-Russja.

Iżda wara kollox, il-mistoqsija loġika hija kif tista' titwaqqaf ir-Russja ta' Putin. Is-sanzjonijiet ekonomiċi waħedhom mhux se jwasslu għal bidla fir-reġim fir-Russja.

Nibża' li l-unika soluzzjoni biex jitwaqqaf Putin hija t-telfa militari tal-armati tiegħu fl-Ukrajna. Din għandha tkun il-prijorità numru wieħed bħalissa, li jitwaqqaf il-qtil ta' ċivili innoċenti fl-Ukrajna u jiġi evitat li l-gwerra tinfirex f'partijiet oħra tal-Ewropa. Ma hemm l-ebda dubju li l-imġiba u l-pjani aggressivi tar-Russja jikkonċernawna wkoll, tal-anqas xi Stati Membri tal-UE, speċjalment dawk fl-Ewropa tal-Lvant u Ċentrali. Iva, aħna wkoll ninsabu fil-mira tal-ġenerali Russi bħala bersall "leġittimu" ieħor.

Jekk il-gwerra fl-Ukrajna ma titwaqqafx issa, aħna se jmissna u l-gwerra se tasal fostna wkoll. Irridu nirrikonoxxu li diġà ninsabu de facto f'dik il-gwerra. Tal-anqas, dan huwa kif ir-rwoli tal-UE u tan-NATO huma ppreżentati fil-midja (iċċensurata) Russa.

Għalhekk, aħna l-Ewropej għandna nagħmlu l-almu tagħna biex nikkontribwixxu għar-rebħa tal-Ukrajna fuq il-kamp tal-battalja. Flimkien mal-issikkar tas-sanzjonijiet ekonomiċi u oħrajn kontra r-Russja, irridu nkunu lesti li nipprovdu lill-armata Ukrena bil-mezzi militari kollha meħtieġa li qed titlob.

Personalment, jiena paċifista, iżda dawn huma mumententi deċiżivi meta d-demokrazzi liberali jridu jiddefendu lilhom infushom kontra dawk li jridu jeqirduhom. Dawn l-għedewwa tagħna jifhmu biss il-lingwa tal-forza u tal-poter militari. M'għandniex nibzgu u nħossu mistħija talli nitkellmu dik il-lingwa peress li s-sopravivenza tagħna bħala soċjetajiet demokratiċi tinsab fil-periklu.

AQTA' MIN HI L-PERSUNA MISTIEDNA?



Il-mistieden/il-mistiedna sorpri?a

Kull xahar, fil-kolonna tagħna "Il-mistieden/il-mistiedna sorpriża", se nkunu qed nintroduċu persuna pubblika li ħidmitha u l-impenn tagħha huma ta' ispirazzjoni. Il-kuraġġ tagħhom, is-saħħa tal-karattru, id-determinazzjoni li jaġixxu huma eżemplari u l-bravura professjonali tagħhom tistħoqqilhom rispett.

Il-mistiedna tagħna hija **Tetyana Ogarkova**, ġurnalista Ukrena, responsabbli mid-dipartiment internazzjonali tal-Ukrajna Crisis Media Centre u kopreżentatriċi tal-podcast Explaining Ukraine. Hija wkoll lettur fl-Università Mohyla ta' Kiev u għandha dottorat fil-letteratura mill-Università Paris-XII Val-de-Marne.

Tetyana spiss tiġi mistiedna tidher fuq programmi tat-telewiżjoni u tar-radju madwar id-dinja, fejn hija tiddekrivi d-dramm tal-poplu Ukren u tipprovdi kummentarju ta' għarfien dwar din it-traġedja umana.

F'din l-edizzjoni speċjali ta' KESEinfo, hija taqşam mal-qarrejja tagħna t-testimonjanza personali tagħha, li hija aktar qawwija peress li ġiet miktuba minn Ukrajna assedjata, itturmentata u erojka, u li hija baqgħet ma telqitx minnha minkejja l-gwerra. (eh)



Tetyana Ogarkova: L-a??ar gwerra ta' Vladimir Putin

Fl-24 ta' Frar 2022, qomna fil-ħamsa ta' filgħodu minħabba ħsejjes strambi li smajna fil-bogħod u li kienu jixbhu ħafna dawk ta' splużjonijiet. **It-tfal kienu reqdin fil-fond fis-sodda tagħhom, iżda l-messaġġi fuq it-telefon ma qatgħux. Il-gwerra kienet bdiet. L-isplużjonijiet li seħħew kienu attacki bil-missili rrapportati f'Kiev, Kharkiv, Ivano-Frankivsk u fi bliet oħra fil-pajjiż.**

F'wieħed mill-ewwel attacki ggarrafet binja f'sit militari f'Brovary fejn kien joqgħod il-kowç taż-żfin ta' bintna l-kbira. Ftit sigħat wara, tlaqt bil-karozza biex infittex ħabiba li ma kinitx għadha twieġeb it-telefonati. Iltqajt mal-karrijiet armati Ukreni. Il-ktajjen tagħhom ħallew it-traċċi fuq l-asfalt.

Qatt ma erġajna rقادna wara dik il-ħasda tal-24 ta' Frar 2022 li ħassritilna darba għal dejjem ħajjitna kif kienet qabel. Inħarsu lejn ir-realtà l-ġdida tagħna b'seba' għajnejn. Matul l-ewwel ġimgħa tal-gwerra, rajna għall-ewwel darba l-ħbieb tagħna jitilfu ħajjithom huma u jiġġieldu. Rajna wkoll li l-armata Ukrena setgħet tirreżisti t-tieni l-akbar armata tad-dinja. Rajna l-Ewropej jgħaddulna l-armi u jiddiskutu s-sanzjonijiet futuri.

Konna fuq kollox mistagħġbin bir-Russja. Qatt ma ħlomna li naraw livell daqshekk tal-mistħija: is-soldati jiftaħru ma' marthom li serqu l-kafetteriji, it-tapiti u saħansitra l-magni tal-ħasil fl-irħula meqruda. Ma nistgħux nemmnu l-ħruxija tagħhom: qed joqtlu ċ-ċittadini mhux armati b'tir wara rashom, jistupraw in-nisa Ukreni quddiem uliedhom u jaħarqu l-iġsma tal-vittmi tagħhom. Qed jibbumbardjaw l-isptarijiet tagħna u jisparaw il-missili kuljum, mingħajr eċċezzjoni. Ma nistgħux nemmnu l-ħmerijiet tagħhom: għal aktar minn xahar ħaffru t-trunċieri fil-ħamrija ta' Tchernobyl - qabel ma kellhom jiġu trasferiti lejn il-Belarusja minħabba sintomi ta' irradjazzjoni, u fosthom kien hemm diġà min miet.

Ninsabu skantati bir-realtà tar-Russja tal-lum. Putin mhuwiex l-uniku wieħed li qed imexxi din il-gwerra. Skont stħarriġ reċenti ta' Centre Levada, għandu l-appoġġ ta' 85 % tar-Russi.

Wasal iż-żmien li naffaċċjaw din ir-realtà ġdida. Ir-reżistenza erojka tas-soldati Ukreni, l-għajnuna militari u s-sanzjonijiet qawwija tal-imsieħba tal-Punent tal-Ukrajna qed ikunu effettivi.

Iżda l-gwerra għadha hemm. L-aktar ħaġa importanti hija li wieħed jibqa' sod mhux li jabbanduna, li ma jċedix għat-tentazzjoni ta' waqfien mill-ġlied miftiehem b'nuqqas ta' serjetà jew ta' malajr — irrispettivament minn meta jseħħ. Ilkoll kemm aħna rridu l-paċi. Għandna din l-opportunità unika biex niżguraw li din l-aggressjoni Russa mhux ġustifikata tkun l-aħħar gwerra tagħha. L-ebda waqfien mill-ġlied, l-ebda konċessjoni ta' territorji jew kompromess mhu se jkun effettiv — jekk mhux biex ir-Russja tiddikjara rebħa parzjali, u taggrava s-sentimenti aggressivi u vendikattivi tas-soċjetà Russa.

It-Transnistrija fl-1992, il-Georgia fl-2008, il-Krimea u d-Donbass fl-2014: kull għaxar snin, ir-Russja ħolqot

sfidi u perikli fir-reġjun. Il-Kremlin inqeda b'kull dgħufija tal-Punent bħala skuża biex jissokta bl-aggressjoni tiegħu. Ejjew inħarsu aktar mill-qrib lejn ir-realtà. Biex niksbu l-paċi, jeħtieġ li nkomplu bil-gwerra. Il-gwerra kontra r-Russja.

Għandna bżonn il-kuraġġ. Ħafna kuraġġ. Mhux biss dak tas-soldati Ukreni, iżda wkoll il-kuraġġ tal-imsieħba tal-Punent biex iħarrxu s-sanzjonijiet (biex jeqirdu l-ekonomija Russa) u biex iwasslu l-armi offensivi meħtieġa lill-Ukreni (biex jimbuttaw lura t-truppi Russi lil hinn mill-fruntiera).

Neħtieġu wkoll inkunu determinati. Id-determinazzjoni li hemm bżonn biex, wara t-telfa inevitabbli tar-Russja, inkunu nistgħu nimponu fuq kull ċittadin Russu r-responsabbiltà storika għal dan il-barbariżmu inuman. Bl-ispejjeż ta' tiswija li għandhom jitħallsu għal żewġ jew tliet ġenerazzjonijiet. B'kotba tal-iskola tal-istorja li fihom deskrezzjonijiet dettaljati tad-delitti tal-gwerra tagħhom. B'mużew tal-battalja ta' Marioupol, jew ta' Boutcha, fiċ-ċentru ta' Moska.

Huwa biss ladarba tieqaf din il-gwerra suwiċidali li wieħed jista' jistenna Russja differenti, mingħajr is-sindromu ta' imperu midrub u mingħajr ir-rieda li terġa' lura għall-kobor tagħha askapitu tal-ġirien tagħha.

Meta qomna fil-ħamsa ta' filgħodu, fl-24 ta' Frar 2022, smajna lil Putin isemmi "d-denażifikazzjoni" u "d-demilitarizzazzjoni" bħala objettivi tal-"operazzjoni militari" tiegħu. Imma eja nqumu mir-raqda. L-Ukrajna m'għandniex bżonn "denażifikazzjoni" u "demilitarizzazzjoni". Minflok, hija r-Russja li għandha bżonnhom.

A?BARIJET TAL-KESE



[Il-KESE jiddibatti Riżoluzzjoni dwar l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-gwerra fl-Ukrajna](#)

Fl-24 ta' Marzu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta Riżoluzzjoni dwar il-gwerra fl-Ukrajna u l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tagħha fl-isfond ta' summit tal-Kunsill

Ewropew li poġġa l-gwerra fuq nett tal-aġenda.

Ir-Riżoluzzjoni ġiet adottata mis-sessjoni plenarja wara dibattitu mal-Kummissarju għall-Affarijiet Intern **Ylva Johansson** u diversi rappreżentanti mexxejja tas-soċjetà ċivili Ukrena u Russa.

Il-membri tal-KESE esprimew is-solidarjetà tagħhom mal-Ukrajna u enfasizzaw ir-rwol tas-soċjetà ċivili fl-assistenza tal-poplu u r-refuġjati Ukreni.

Meta fetħet id-dibattitu, il-President tal-KESE **Christa Schweng** enfasizzat li l-invażjoni qed thedded is-sigurtà u l-valuri tagħna, u l-UE ġustament u bis-saħħa tinsab mal-Ukrajna, u qed tirreaġixxi b'għaqda u solidarjetà.

Il-Kummissarju għall-Affarjiet Interni **Ylva Johansson** enfasizzat ir-rwol estremament importanti tal-KESE biex juża l-għarfien tiegħu fuq il-post. L-Ewropa s'issa laqgħet 3,5 miljun refuġjat Ukren, inklużi 1,8 miljun tifel u tifla. Is-Sinjura Johansson qalet li s-solidarjetà bla preċedent tas-soċjetà ċivili man-nies li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna kienet notevoli, u dan jagħmilna lkoll kburin li aħna Ewropej.

Il-Presidenti tat-tliet Gruppi tal-KESE, li huma r-relaturi tar-Riżoluzzjoni, enfasizzaw l-isfidi kruċjali li l-Ewropa qed tiffaċċja bħala konsegwenza tal-gwerra.

Stefano Mallia, President tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE, qal li fir-Riżoluzzjoni, il-KESE jilqa' l-azzjonijiet umanitarji li ttieħdu s'issa u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu iktar biex jgħinu lill-Ukrajna.

Oliver Röpkke, President tal-Grupp tal-Ħaddiema qal li wieħed mill-messaġġi ewlenin tiegħu huwa li l-komunità internazzjonali u l-Ewropa jridu jibqgħu magħqudin f'din is-sitwazzjoni.

Séamus Boland, President tal-Grupp Diversità Ewropa, qal li l-invażjoni Russa tal-Ukrajna tirrappreżenta l-aktar aggressjoni vjolenti mhux ipprovokata fuq il-kontinent Ewropew mill-1939 u l-Ewropa trid tibqa' magħquda kontriha.

Rappreżentanti mis-soċjetà ċivili Ukrena u Russa kellhom impatt emozzjonali qawwi għad-dibattitu permezz tal-esperjenzi tagħhom tal-gwerra.

Il-fundatur tal-moviment Open Russia, **Mikhail Khodorkovsky**, enfasizza l-konsegwenzi diżastrużi tad-diżinformazzjoni u qal li l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni hija l-prerogattiva, anke barra l-fruntieri tar-Russja.

Il-President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Tripartitiku Nazzjonali tal-Ukrajna, **Anatoliy Kinakh**, iddeskriva l-atti tar-Russja mhux biss bħala aggressjoni militari, iżda reat kontra ċ-ċivilizzazzjoni.

Alexander Shubin, President tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-Ukrajna talab lill-Ewropa tkompli tappoġġja lill-Ukrajna u l-aspirazzjonijiet tagħha li tkun parti mill-familja Ewropea.

Gennadiy Chyzykov, President tal-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija tal-Ukrajna, talab lill-impjegaturi u lill-organizzazzjonijiet tan-negozju Ewropej biex jappoġġjaw lill-kumpaniji Ukreni.

Fl-aħħar nett, **Yevgenya Pavlova** mill-Assemblea Nazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità tal-Ukrajna, ħeġġet lin-nies biex ma jinsewx lill-Ukreni b'diżabilità li jeħtieġu attenzjoni speċjali. (at)

It-[test kollu tar-Riżoluzzjoni tal-KESE](#) jinsab fil-web sit tal-KESE.



Il-KESE juri s-solidarjetà u l-għaqda tiegħu mal-Ukrajna

Christa Schweng, President tal-KESE

Aħna qed naraw aggressjoni mhux provokata kontra l-libertà, kontra d-demokrazija, kontra l-valuri u kontra s-sisien tal-Unjoni Ewropea bħala tali li kienet ibbażata fuq is-setgħa tal-liġi mhux fuq il-liġi tas-setgħa. Ir-raġuni

għalfejn bnejna Unjoni Ewropea - jiġifieri l-paċi - illum hija aktar importanti minn qatt qabel. Bħala Ewropej jeħtieġ li ningħaqdu flimkien f'solidarjetà u mal-poplu Ukren.

Cillian Lohan, Viċi President għall-Komunikazzjoni

Aħna ningħaqdu flimkien f'solidarjetà mal-poplu Ukren. B'ammirazzjoni kbira nara s-sħubija b'saħħitha diġà mibnija bejn l-UE u s-soċjetajiet ċivili Ukreni. Sa mill-bidu tal-gwerra, osservajna mewġa unika ta' ġenerożità umana indirizzata lir-refuġjati Ukreni, eżempju uniku ta' solidarjetà, għaqda u altruiżmu. Il-poplu Ukren jiddefendi l-paċi u s-sigurtà għal kulħadd. It-traġedja umana m'għandhiex fruntieri; tikkonċernana lkoll kemm aħna.

Giulia Barbucci, Viċi President għall-Baġit

Fi kwalunkwe latitudni jew lonġitudni, il-gwerra qatt mhi aċċettabbli u għandha dejjem tiġi kkundannata. Din iġġib biss il-qerda, il-mewt u l-orrur. Fl-Ukraina, qrib il-fruntieri tal-Unjoni, iż-żmien tal-istorja Ewropea iddawwar lura fiż-żmien għal affarijiet li ħsibna li kienu jappartjenu biss fil-passat. F'din it-traġedja terribbli, l-istituzzjonijiet Ewropej ingħaqdu flimkien, u għollew leħnhom kontra din l-aggressjoni inaċċettabbli u fetħu l-bibien tagħhom għal dawk li qed jaħarbu mill-gwerra, speċjalment in-nisa, it-tfal u l-persuni akbar fl-età. Il-KESE, flimkien mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, uża s-saħħa kollha tas-solidarjetà tiegħu biex jgħin lill-vittmi ta' dawn l-atroċitajiet. L-Unjoni Ewropea għandha d-dmir li jkollha rwol deċiżiv fit-tfittxija għal soluzzjonijiet diplomatiċi li jgħibu fi tmiem il-kunflitt, li tiegħu azzjoni immedjata biex tmexxi l-prosekuzzjoni ta' dawk responsabbli għal dawn ir-reati, u li tiegħu passi konkreti lejn ir-rikostruzzjoni.

Stefano Mallia, President tal-Grupp ta' Min Iħaddem

Eżatt wara l-bidu tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, l-UE għaddiet miżuri li kienu inkonċepibbli sa ftit xhur ilu. Il-gwerra fl-Ukrajna qed toħroġ fid-dieher l-umanità tal-UE u taċ-ċittadini tagħha, li qed ipoġġu l-libertà u l-paċi qabel l-interessi u l-kummerċ. Il-qawmien tal-Ewropa jidher fl-ispettru politiku kollu. Jekk l-Ewropa trid tkompli tgħix fil-paċi, trid tibni politika barranija b'saħħitha u difiża komuni. It-tabù għeb hekk kif erġajna rajna l-gwerra fil-kontinent tagħna. Dan il-momentum dejjem jikber lejn is-salvagwardja tal-paċi u s-solidarjetà qed jagħti lill-Ewropa t-torċa ġdida tagħha biex tgħaqqad flimkien lill-Ewropej u mhux biss. L-UE kellha terġa' tiskopri x-xewqa għall-paċi biex tkompli tibni l-viżjoni tagħha. Putin, aktar milli qasam l-Ewropa, għaqqadna lkoll fit-triq lejn din il-missjoni.

Oliver Röpke, President tal-Grupp tal-Ħaddiema

L-aggressjoni Russa hija theddida diretta fuq l-Unjoni Ewropea. Jeħtieġ li nkunu magħqudin u nibqgħu maġenb xulxin f'solidarjetà sħiħa mal-poplu tal-Ukrajna, kemm dawk li qed jaħarbu bħala refuġjati illum il-ġurnata, kif ukoll dawk li baqgħu hemmhekk biex jiġġieldu. It-trade unions jiftakru li l-magna tal-gwerra hija mitmugħa bid-demm tal-ħaddiema, jitolbu l-irtirar tat-truppi Russi, u jappoġġjaw lis-soċjetà ċivili kemm fl-Ukrajna kif ukoll fir-Russja.

Séamus Boland, President tal-Grupp Diversità Ewropa

Qegħdin fix-xifer u rridu nilħqu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Ukrajna. Il-valuri u l-prinċipji Ewropej tagħna jinsabu fil-periklu u rridu ngħollu leħinna b'mod ċar kontra l-aggressjoni u favur il-valuri li l-Ewropa ilha tirrappreżenta mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn. Nafu mill-istorja tagħna li l-paċi hija "fjura fraġli". Hija teħtieġ l-attenzjoni kollha tagħna u l-impenn tagħna. Jekk inkasbruha, aħna bħala bnedmin għandna l-kapaċità neliminaw id-dinja tagħna u l-forom kollha tagħha tal-ħajja. Huwa imperattiv li l-UE, u tabilħaqq il-familja Ewropea fis-sens usa' tagħha, għandhom jibqgħu magħqudin u f'solidarjetà mal-ġirien tagħna.

Dimitris Dimitriadis, President tas-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni (REX)

Il-KESE se jagħmel l-almu tiegħu biex ikompli jappoġġja lis-soċjetà ċivili Ukrena permezz tal-mezzi stabbiliti sew tagħna, bħall-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili UE-Ukrajna, u permezz tal-kuntatti bilaterali tagħna.



[Il-KESE jifta' il-bibien tiegħu g'as-soċjetà ċivili tal-Ukrajna](#)

Bil-għan li jibdel is-solidarjetà mal-Ukrajna f'azzjoni konkreta, il-KESE se jingħaqad mal-inizjattiva tal-Parlament Ewropew dwar "ċentru tas-soċjetà ċivili" għall-Ukrajna, li tippermetti lill-NGO Promote Ukraine tuża parti mill-bini tiegħu f'Rue de Trèves 74,

flimkien ma' tagħmir loġistiku.

lċ-ċerimonja uffiċjali tat-trasferiment saret fil-bini Jacques Delors tal-KESE, fl-20 ta' April 2022. Il-President tal-KESE, **Christa Schweng**, tat merħba lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili Ukrena, u offritilhom badge simbolika bil-kuluri tal-bandiera tal-Ukrajna li tagħtihom "aċċess liberu".

Christa Schweng qalet: "Il-KESE, bħala d-dar tas-soċjetà ċivili organizzata fl-UE, qed jiftaħ il-bibien tiegħu għas-soċjetà ċivili organizzata tal-Ukrajna, li hija parti mill-familja Ewropea tagħna. Aħna nappoġġjaw lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha, u qed nibdlu s-solidarjetà tagħna f'azzjoni konkreta. Aħna ninsabu magħqudin biex niddefendu l-valuri komuni tagħna: il-libertà, id-demokrazija, u l-istat tad-dritt."

Il-koordinatur tas-soċjetà ċivili **Natalia Melnyk** enfasizzat li: "L-24 ta' Frar bidlitilna ħajjitna. Mhux għall-aħjar. Madankollu, ma naċċettawx kondoljanzi. Issa hemm ħafna xi jsir u nittama li f'dan il-bini nkunu nistgħu nagħmlu aktar biex nappoġġjaw lill-Ukreni. lċ-ċentru huwa miftuħ għall-Ewropej kollha li jixtiequ jappoġġjaw lill-Ukrajna."

Serghii Tereshko, Viċi Kap tal-Missjoni tal-Ukrajna għall-UE żied jgħid: "Nixtieq nesprimi l-gratitudni tagħna għas-solidarjetà mal-Ukrajna u għar-riżoluzzjoni tal-KESE dwar "Il-gwerra fl-Ukrajna u l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tagħha". Grazzi tal-appoġġ tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili UE-Ukrajna biex tgħinna nersqu eqreb lejn l-Unjoni Ewropea. L-aċċess għall-bini huwa l-ewwel pass sabiex nistabbilixxu preżenza Ukrena permanenti fl-istituzzjonijiet Ewropej".

Marta Barandiy, President tal-NGO Promote Ukraine, enfasizzat li: "L-istituzzjonijiet Ewropej tawna l-ispace biex nitkellmu. Issa, qed nirċievu l-ispace biex naħdmu. Spazju biex nikkooperaw mas-soċjetà ċivili Ewropea".

L-uffiċċji u l-ispazju għall-parkeġġ fil-bini B68 (Rue de Trèves 74), kif ukoll l-appoġġ amministrattiv u loġistiku (tagħmir, stampar u servizzi tal-IT) ser jintużaw biex jiġu kkoordinati l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili tal-Ukrajna. Il-KESE għalhekk qed jiffaċilita x-xogħol tal-NGO, billi jipprovdi dar sigura għal Promote Ukraine fil-qalba tal-Ewropa. (ab/ehp)

IL-MEMBRI TAL-KESE JITKELLMU

Mewġa unika ta' ġenerożità umana lejn il-poplu Ukren

“Sa mill-bidu tal-gwerra, osservajna mewġa unika ta' ġenerożità umana, eżempju uniku ta' solidarjetà, għaqda u altruiżmu lejn il-poplu Ukren. Il-membri tagħna u l-organizzazzjonijiet tagħhom urew mobilizzazzjoni impressjonanti u huma impenjati bis-sħiħ biex jassistu lir-refuġjati Ukreni”.

Ara lill-Viċi President tal-KESE Cillian jispjega l-isforzi sostnuti tas-soċjetà ċivili bħala appoġġ għal Ukrajna li tinsab fi tbatija minħabba l-effetti tal-gwerra.



Qed ngħinu lill-intraprendituri Ukreni j'allu warajhom ir-rovini u jerġu jo'olqu n-negozji tagħhom fil-Polonja

Tomasz Wróblewski, membru tal-KESE, il-Polonja

Meta tintemm din il-gwerra, l-Ewropa mhux se tibqa' tiġi definita mill-esperjenzi tat-Tieni Gwerra Dinjija jew tal-Gwerra Bierda, iżda minn dak kollu li qed jiġri illum fl-Ukrajna u l-konsegwenzi tagħha, li għadhom ma jistgħux jitbassru. Dak li se ngħaddu minnu u t-tagħlimiet li se nisiltu se jbiddu l-biċċa l-kbira tal-perċezzjonijiet tagħna tad-dinja.

Għall-Polonja, dan se jibqa' dejjem mument li qed jibni nazzjon. Dak li tgħallimna dwar kemm hi fraġli d-dinja meta rajna miljuni ta' persuni jaħarbu mill-ħażen, iżda wkoll dak li tgħallimna dwarna nfusna meta ospitajna mijiet ta' eluf ta' barranin fi djarna, se jħalli l-marka tiegħu għas-snin li ġejjin.

Xi drabi nitkellmu dwar l-Ukrajnizzazzjoni tal-Polonja, trasformazzjoni spiritwali ta' dawn iż-żewġ pajjiżi.

2,7 miljun persuna li ġew f'pajjiżna sabu akkomodazzjoni, għajnuma u postijiet għal uliedhom fl-iskejjel u l-

kindergartens.

Kull min naf u l-persuni li niltaqa' magħhom fit-toroq jew fil-ħwienet qegħdin jagħmlu xi ħaġa biex jgħinu. Kulħadd bil-mod tiegħu. L-aktar qalbiena qed jitransportaw il-mediċina u l-ġkieket kontra l-balel lejn l-Ukrajna. Oħrajn iqattgħu l-ħin liberu kollu tagħhom jgħinu lill-immigranti jimlew id-dokumenti, jiftħu kontijiet bankarji jew ifittxu x-xogħol. Dawk mal-fruntieri jqattgħu l-ġurnata kollha jilqgħu lir-refuġjati, li qegħdin jaqsmu l-fruntiera tagħna b'numri dejjem jikbru.

Isajru, isibulhom passaġġ għal bliet jew pajjiżi oħra, iqasmu mijiet ta' eluf ta' donazzjonijiet – kutri, basktijiet ta' fuq id-dahar, teddy bears għat-tfal. Dan kollu qed jasal mal-fruntiera mid-dinja kollha.

Dak li nistgħu nagħmlu bħala membri ta' organizzazzjoni ta' intraprendituri huwa li ngħinu fejn nistgħu nikkontribwixxu l-iktar. Qed ngħinu lill-intraprendituri Ukreni jerġgħu joħolqu n-negozji tagħhom fil-Polonja. Immexxuhom 'il bogħod mill-fabbriki, ħwienet, kliniċi jew ħwienet tas-sbuħija li jinsabu rrovinati u nagħtuhom – li ħafna minnhom spiċċaw mingħajr dar, mingħajr mezz ta' għajxien u mingħajr dawk li l-aktar li jħobbu – impjeg fil-Polonja.

Fil-qalba ta' Varsavja hemm ufficiċju għall-organizzazzjonijiet tal-intraprendituri Ukreni. Minbarra l-ispazju għall-ufficiċji u l-appoġġ amministrattiv, qed ngħinuhom isibu spazju għall-kumpaniji li jiddeċiedu li jibnu mill-ġdid in-negozji tagħhom fil-Polonja. Bdejna billi krejna għexieren ta' eluf ta' metri kwadri ta' spazju għall-produzzjoni. Permezz tal-ġenerożità tal-kumpaniji Pollakki fil-parti industrijali ta' Varsavja, l-intraprendituri Ukraini jistgħu jirċievu spazju mingħajr ħlas. Iħallsu biss għall-ilma u għall-ġbir tal-iskart.

Wara kważi xahrejn ta' din il-kriżi ta' refuġjati, fil-Polonja ma nħoloq l-ebda kamp tar-refuġjati jew kwalunkwe post ieħor fejn id-dinjità u s-sifurtà tal-bniedem tkun f'riskju.

L-Ukrajna diegħla fi stadju ġdid tal-gwerra, iżda anke l-Polonja. Irridu nagħtu lin-nies li sabu kenn sikur hawnhekk ħajjithom lura. Ma nistgħux nagħtuhom lura pajjiżhom, iżda għallinqas billi nagħtuhom impjeg nistgħu nagħtuhom ftit sens ta' normalità.



[Il-membri tal-KESE jwasslu l-għajnuna umanitarja fl-Ukrajna](#)

minn Marcin Nowacki, membru tal-KESE, il-Polonja

Fit-8 Marzu 2022, l-organizzazzjoni tiegħi fil-Polonja (ZPP) u l-Fondazzjoni Kulski (li magħha hija assoċjata l-membri tal-KESE Małgorzata Bogusz) organizzaw konvoj umanitarju żgħir

iżda rapidu.

Dan kien it-tieni vjaġġ għal dik il-ġimgħa. Mort Lviv, l-Ukrajna, ma' Małgorzata Bogusz u Tom Palmer, Viċi President tan-Network Atlas mill-Istati Uniti. L-iskop tal-vjaġġ kien li jiġu pprovduti mediċina u materjali mediċi u iġeniċi lill-Ukrajna. Mgħammra b'żewġ karozzi tal-linja mimlijin, wasalna fil-punt tal-laqqgħa indikat mill-kontropartijiet Ukreni tagħna, li jippakkjaw u jqassmu l-prodotti f'postijiet li l-aktar għandhom bżonn.

Il-karozzi tal-passiġġieri u l-karozzi tal-linja ħolqu kju twil u kontinwu tul il-fruntiera bejn il-Polonja u l-Ukrajna lejn il-Polonja. Sfortunatament, il-ħtieġa li jiġu evakwati ċ-ċivili mhijiex qed tonqos, iżda qed tikber b'mod sistematiku. Mill-10 Marzu 2022, il-Polonja diġà kienet irċeviet aktar minn 1,5 miljun Ukren.

Fi triqitna lejn Lviv inzer tajna diversi punti ta' kontroll. L-akbar wieħed, protett mill-militar, kien jinsab proprju fid-daħla tal-belt. Kien post vivaċi ħafna, b'ħafna nies għaddejnin iħabirku. Kien hemm bosta mijiet ta' eluf ta' nies aktar mis-soltu fil-belt. Lviv bħalissa huwa ċentru ta' trasferiment u loġistika li jappoġġja lill-Ukrajna Ċentrali u tal-Lvant. Fil-periferija tal-belt iltqajna mal-gwida tagħna li wassalna saċ-ċentru tal-loġistika. Kien hemm tim ta' nies qed jistennew hemmhekk, u dawn bdew iħottu minnufih. Il-prodotti kollha ġew magħżula u kkatalogati kif suppost. Il-ġestjoni tal-proċess kienet tal-ogħla livell, u wara l-isforzi tagħna sibna ż-żmien biex niskambjaw ideat dwar is-sitwazzjoni attwali u dwar l-akbar ħtiġijiet tal-Ukreni. Ir-residenti ta' Lviv fetħu djarhom u offrew akkomodazzjoni, ikel u trasport lir-refuġjati minn żoni taħt attakk mir-Russja.

Matul iż-żjara tiegħi, il-kontropartijiet Ukreni tagħna kkomunikawlna r-rakkomandazzjonijiet u l-ħtiġijiet prinċipali tagħhom. Ħdimna flimkien kuljum u nħossni onorat inwassel il-messaġġ tagħhom. Ir-rakkomandazzjonijiet u l-ħtiġijiet tagħhom jistgħu jinqasmu fi tliet gruppi fundamentali: politiċi, militari u ċivili. Dawk l-aktar urġenti huma:

- G'ajjnuna finanzjarja u fornimenti ta' tag'mir militari, li huwa komputu g'al gvernijiet u kumpaniji kbar.
- Pressjoni u sanzjonijiet profondi u fuq firxa wiesg'a fuq ir-Russja u l-Belarus. Sanzjonijiet li ma jistg'ux ji' evitati. F'dawn se jkun hemm ukoll spejje g'alina, u je'tie? li na'ettaw dan. Fl-a'ar wasal i'-'mien li niddefinixxu mill-'did il-politika tal-ener'ija tag'na.

Mill-gvern sal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, u sas-soċjetà ċivili kollha kemm hi, dawn huma l-azzjonijiet konkreti li huma meħtieġa.

- Appo' permezz ta' provvisti ta' prodotti medi'i.
- Il-forniment ta' provvisti o'ra me'tie'a spe'ifikati mill-imsie'ba tag'na.
- Appo' g'all-familji li qed jevakwaw. Fi triqitna lura mill-Ukrajna kellna l-unur nittrasportaw lil dawk li evakwaw l-Ukrajna. L-g'a'la l-o'ra hija li tipparte'ipa fl-azzjoni fil-fruntiera u tassisti fit-trasport.
- Jintlaqg'u u ji'u akkomodati familji li ji'u f'pajji'i tal-UE. Il-pajji'i tar-re'jun je'tie?u appo' permezz ta' postijiet fejn ir-rifu'jati joqog'du – kmamar ta' ri'erva fi djarkom, u fl-appartamenti vojta tag'kom. Fir-rigward tal-Polonja, di'a g'andna aktar minn 2,8 miljun refu'jat tal-gwerra.
- Ji'i ssemplifikat il-pro'ess tat-tfittxija g'ax-xog'ol g'al dawk li jistg'u u jixtiequ ja'dmu.

Nixtieq nenfasizza li l-kriżi tar-refuġjati li għadha għaddejja hija bla preċedent fl-istorja moderna tal-Ewropa. Biex nindirizzawha rridu ninvolvu lis-soċjetà ċivili mill-Istati Membri kollha.



[Kenn lil refuġjati Ukreni fir-Rumanija](#)

Minn Ionuț Sibian, membru tal-KESE, ir-Rumanija

Fir-Rumanija, bosta oragizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħall-[FONSS](#), [I-Assoċjazzjoni Afterhills](#), [I-Assoċjazzjoni Parentis](#) u [I-Assoċjazzjoni Our Smile Group](#), ingħaqdu mal-[Muniċipalit` ta' Iasi](#) biex imexxu ċentru tar-refuġjati għall-Ukreni li qed jaħarbu mill-

gwerra. L-istorja li ġejja, li ġiet irrappurtata mill-kollega tiegħi, Mihaela Muntean, hija waħda mill-ħafna esperjenzi li qed ngħixu fiha.

L-ewwel refuġjata li waslet fiċ-[Ċentru ta' Assistenza Umanitarja u Soċjali għar-Refuġjati CTR Nicolina Iasi](#), kienet lovana, ta' ġimagħtejn - ċkejna u kwieta f'dirgħajn ommha, li wkoll kienet silenzjuża u pallida wara li welldet f'xelter u vvaġġat għal 21 jum. Imbagħad wasal Roman, twill, missier it-tarbija, ommu u n-nannu tiegħu ta' 86-il sena. Erba' ġenerazzjonijiet ħarġu mill-karozza mgħobbija u bdew mexjin bil-mod lejn is-sala ta' akkoljenza.

- Minn fejn ġejtu?

- Kharkov!

Il-kelma nstemgħet muġuġha, bħal meta xi ħadd jitkellem dwar sentenza ta' ħabs.

Ma konniex għadna ftaħna ufficialment, iżda kollega tiegħi kien ċempilli mid-dwana u staqsieni jekk nistax nilqagħhom għandna, u għalhekk poġġejnihom fiż-żewġ sulari għal persuni vulnerabbli.

It-tifla ċkejna kienet twieldet tlett ijiem wara li telqu mid-dar, f'kundizzjonijiet ta' gwerra. It-terror li din l-omm żagħżuġha esperjenzat... Qalb Roman bilfors kienet maqsuma bejn id-dmir li, minn banda, imur jiġġieled u minn banda oħra jiproteġi tant nies vulnerabbli.

Meta ħarġu mill-karozza bil-bagalji tagħhom, qalu li riedu biss jorqdu. Wara l-ewwel lejl qaluli li kien hemm tant kwiet fid-dar tagħna... Imma t-tifla ċkejna kienet bla heda u l-anzjan, li l-vista kienet qed tmurlu, ma kien qed ikellem lil ħadd Huwa kien diġà esperjenza gwerra bħala adoloxxenti. Imma issa, mgħawweġ iserraħ fuq il-bastun tiegħu mgħobbi bix-xjuħija u esperjenza ta' ħajja li ma setax iħalli warajh, beda jiċċaqlaq bi skumdità minn sufan għall-ieħor

L-ewwel ġurnata fiċ-ċentru kienet t'fisser banjijiet għal lovana u massaġġ għat-trabi, mit-tim tagħna [Parentis](#). Fil-fatt, konna qed induru kollha madwarhom. L-għada filgħodu kienu aktar mistrieħa wara lejl irqad u ċ-ċkejna lanqas biss kienet stembħet biex tiekol.

Imbagħad segwew ftit jiem kwieti - b'nanna gustuża ttaqtaq, omm diskreta imma pjaċevoli, u tarbija ħelwa tat-twelid. Roman malajr beda jiġi biex jgħin lil refuġjati oħrajn, jgħinjom b'kull mod li seta', probabbilment kien qed iħoss li kien qed irodd lura dak li kien irċieva. Ħsilna l-ħwejjeġ u nxarnijom flimkien, irrakkuntajna l-istejjer. L-anzjan qam fuq tiegħu biżżejjed biex iwieġeb it-tislijiet u dejjem wasal fil-ħin għall-ikliet.

Il-bilanċ reġa' ntlef wara ftit jiem meta, omm, mart u t-tifla ta' Roman ippruvaw jitolqu lejn il-Belġju. Fl-ajruport saru jafu li ommu biss setgħet titlaq. Il-mara tiegħu ma kellhiex passaport bijometriku.

Lanqas nixtieq nibda naħseb kif setgħet ħassitha l-mara li ħalliet warajha lil binha, lin-neputija u 'l missierha. Meta Roman ġie lura bit-tifla f'dirgħajh, kollha kemm aħna ħadniha bi kbira. Fl-aħħar, sabu mod kif l-omm

żagħżuġha u t-tarbija jitolqu. L-irġiel biss baqgħu, qalbhom maqtuġha, kull wieħed minnhom waħdu ma' ħsibijietu u bla saħħa. Malajr reġġu kienu fi triqithom. F'allew warajhom il-memorja ta' refuġjat li nbidel għal ftit f'kollega, il-ferħ li ħassejna lkoll meta filgħodu l-omm kienet qaltilna li t-tifla ċkejna kienet ikkalmat u raqdet mistrieħa, u nota ta' ringrazzjament miktuba minn Roman fejn esprima l-ferħ kbir tiegħu talli kien esperjenza l-miraklu bl-isem ta' Iovana - it-tarbija li insistiet bil-kbir li titwieled meta oħrajn kienu qed imutu.



L-Ungerija: ng?inu b'kull mod li nistg?u

Zsolt Kükedi, membru tal-KESE, l-Ungerija

Bħala delegat li ġej minn organizzazzjoni ambjentali, nagħraf li ftit li xejn hemm lok għal riflessjoni ambjentali fid-dawl ta' din it-traġedja umana, u li l-persuni li huma direttament milquta mill-influss tar-refuġjati japprezzaw anke l-aktar ġest sempliċi li juri

interess, kompassjoni u offerta ta' ftit għajnuna.

Permezz tal-ħidma ta' żvilupp reġjonali tiegħi, naf ħafna sindki lokali u mexxejja ta' kontea li mill-ewwel u bla heda offrew id-djar tal-komunità u ż-żoni komuni tagħhom lir-refuġjati wara li bdiet il-gwerra. Komunità ta' ftit inqas minn 700 persuna ospitat aktar minn mitt Ukren. Ipprovdewlhom ikel, saqaf taħt rashom u ħaslulhom ħwejjhom. Eżatt wara li faqqgħet il-gwerra, meta mort lura d-dar mis-sessjoni plenarja tal-KESE, ktibt lit-18-il membru tal-gvern lokali, sindki u mexxejja ta' kontea fil-Lvant tal-Ungerija fejn staqsejt dwar minn xiex kienu għaddejjin u kif nistgħu nkunu ta' għajnuna minn Budapest. Ma kellix pjan li mmur mill-ewwel lejn il-fruntiera, peress li fl-ewwel jiem l-għajnuna ta' voluntiera entużjasti tista' tkun aktar ta' xkiel milli ta' għajnuna għall-ħidma umanitarja.

Disgħa mit-18-il persuna li kkuntattajt wegħuni lura. X'aktarx li l-oħrajn ma kellhomx żmien jaqraw jew iwiegħbu l-emails, li huwa għalkollox komprensibbli f'din is-sitwazzjoni. Dawk li wiegħbu, madankollu, qalu li l-ittra tiegħi kienet ta' serħan il-moħħ għalihom. Laqgħu l-fatt li kienu jinsabu fi ħsibijietna u li setgħu jdur fuqna. Xi ħadd talab il-flus għax kien hemm bżonn li jinxtraw kutri u deterġenti. Persuna oħra rreferietni għal fejn kienu qed jinġabru d-donazzjonijiet. Iżda b'mod ġenerali, huma wegħdu li jerġgħu jagħmlu kuntatt hekk kif tistabbilizza s-sitwazzjoni, u li ma jifilħux iġorru l-piż finanzjarju jew personali.

Tajna l-għajnuna tagħna b'mod differenti: ġbarna provvisti mediċi u wassalnihom għand dawk fil-bżonn li ma setgħux jiksibuhom f'din is-sitwazzjoni. Ipprovdejna boroż tal-istoma mill-post tax-xogħol ta' marti. Il-boroż tal-istoma huma kontenituri speċjali għall-persuni li ma jistgħux ineħħu l-iskart tal-ġisem b'mod naturali minħabba xi difett jew mard li taffettwa xi partijiet tas-sistema diġestiva jew tal-kanal tal-awrina. L-iskart tal-ġisem jitneħħa permezz ta' fetħa, jew stoma f'post speċifiku fil-ħajt addominali. Il-pazjenti jeħtieġu borża ġdida kuljum. It-trasport ta' dawn il-boroż vitali kien xi ħaġa li ma stennejniex li nagħmlu. Madankollu, ħajjietna huma kumplessi biżżejjed biex ngħarrfu li f'sitwazzjoni bħal din, kellna wkoll nagħmlu donazzjonijiet mhux tas-soltu.

Fil-laqqhat tas-sezzjoni tagħna tal-KESE ddiskutejna l-gwerra Russo-Ukrena u l-impatt tagħha. Ġejt mitlub nistieden kelliem mill-kamp tal-battalja u espert nukleari biex nifhmu t-theddida fuq l-impjanti tal-enerġija nukleari Ukreni. Peress li għandi ħafna konnoxxenzi personali fl-Ukrajna minħabba x-xogħol tiegħi fil-qasam tal-iżvilupp, irnexxieli nikkuntattja lil Serhii Prokopenko, żagħżuġ minn Kharkiv, speċjalista tal-innovazzjoni u l-intraprenditorija, konsulent u riċerkatur ekonomiku. Huwa rrapporta direttament mill-kamp tal-battalja, minn bunker f'Kharkiv fejn kien qed jistkenn wara l-bumbardament taż-żona ftit qabel il-laqqha tagħna. Minħabba qtugħ fil-konnessjoni tal-internet, huwa kellu jħalli f'idejn l-espert nukleari Ungeriż, li kien mistieden biex jitkellem warajh. Dr Zsolt Hetesi, senior research fellow fl-Università Nazzjonali tal-Amministrazzjoni Pubblika, ilu involut fir-riċerka dwar l-ambjent, l-enerġija u s-sostenibbiltà mill-2005. Preċedentement, bħala wieħed mill-mexxejja tal-Grupp tar-Riċerka dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u r-Riżorsi, huwa tkellem ħafna dwar il-kriżi li tirriżulta mill-popolazzjoni żejda u l-konsum eċċessiv tar-riżorsi. Bħala espert dwar l-eżawriment tar-riżorsi, huwa tkellem dwar is-sitwazzjoni, il-vulnerabbiltà u ċ-ċans ta' diżastru nukleari potenzjali fi kwalunkwe wieħed mill-erba' impjanti tal-enerġija nukleari fl-Ukrajna. Huwa pprova jserraħ moħħ l-udjenza li għalissa, id-dinja ma tidhirx li tinsab f'periklu immedjat minn dawn l-impjanti tal-enerġija nukleari. Din il-preżentazzjoni kienet segwita minn Serhii, u waqt li kien qed jitkellem stajna nħossu r-realtà tal-gwerra. Huwa rċieva applaws kbir. Is-sezzjoni esprimiet solidarjetà miegħu, u sibnieha bi tqila biex niffukaw lura fuq ħidmitna.

Inħoss li din ukoll hija missjoni umanitarja: li nżommu kuntatt man-nies li huma iżolati minħabba l-gwerra u li nitbiegħdu mis-sens ta' sigurtà li għandna sabiex nifhmu l-qawwa tar-realtà li tista' tolqotna u nifhmu li aħna wkoll nistgħu noffru l-għajnuna, anke jekk mill-bogħod.



Lezzjoni miftuqa dwar l-istorja tal-Ukrajna

minn Tatjana Babrauskienė, membru tal-KESE, il-Litwanja

B'diqa u inkredulità l-komunità edukattiva Litwana qed tosserva l-azzjonijiet militari fuq skala kbira u aggressivi ħafna li qed iseħħu bħalissa mir-Russja fl-Ukrajna u nediet inizjattiva biex

tgħallem lill-ġenerazzjoni żagħżuġha dwar il-miti u r-realtà li jirrigwardaw l-istorja tal-Ukrajna.

Huwa importanti ħafna li wieħed jifhem l-għeruq u r-raġunijiet għall-aggressjoni reċenti u mingħajr preċedent. Waħda minnhom hija l-gwerra ta' informazzjoni organizzata mir-Russja, li tinkorpora elementi ta' propaganda, diżinformazzjoni u aħbarijiet foloz dwar l-Ukrajna.

It-Trade Union Litwana għat-Tagħlim, l-Edukazzjoni u x-Xjenza (LSMPS-LESTU) organizza kampanja biex tiġġieled kontra l-gwerra tal-informazzjoni u biex jappoġġja lill-Ukrajna fl-iskejjel Litwani. Fit-28 ta' Frar stedinna għalliema tas-suġġetti kollha kif ukoll mexxejja tal-istituzzjonijiet edukattivi biex jagħtu l-ewwel lezzjoni b'appoġġ għall-Ukrajna u biex iwasslu l-verità dwar l-istorja tagħha.

Audrius Jurgelevičius, viċi president ta' LSMPS/LESTU u għalliem tal-istorja, ta lezzjoni miftuħa dwar l-istorjali kopriet seklu ta' storja Ukrena u l-oriġini tal-istatus ta' stat tal-pajjiż. Inxandru l-lezzjonijiet lajv online u l-iskejjel Litwani kollha jistgħu jingħaqdu magħna.

Il-lezzjoni kellha tliet għanijiet: l-ewwel, biex jintwera li n-nies li jgħixu fl-Ukrajna, l-Ukreni, huma nazzjon indipendenti u mhux Russi, u t-tieni li l-Ukreni kienu qed jibnu l-istorja tagħhom u l-istat tagħhom stess li issa qed imexxu. Jekk ħolquh huma stess, m'hemm ħadd lejn min għandhom ikunu grati talli tħallew ikollhom stat; u jekk ma jafu lil ħadd għall-istat tagħhom, ħadd m'għandu d-dritt li jaħtfu minn idejhom. It-tielet għan ta' din il-lezzjoni kien li jiġu skoperti ċerti miti li kultant jinbidlu f'gideb meta wieħed jitħaddet dwar l-istorja tal-Ukrajna.

Il-lezzjoni diġà ġiet tradotta bir-Russu, il-Pollakk u l-Ingliš u tqassmet fil-kontinenti kollha permezz tad-djaspora Litwana u Education International.

Ħejjejna stickers u stedinna lill-istudenti jistampawhom u juruhom waqt il-lezzjoni biex jesprimu l-appoġġ tagħhom għall-Ukrajna. Tlabnihom ukoll jaqdbu mumentu mil-lezzjoni u jibagħtulna stampi. Aħna qsamna dan il-mumentu mal-komunità edukattiva Ukrena, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' appoġġ u solidarjetà.

Huwa importanti ħafna li nkunu magħqudin. Ma nistgħux nippermettu li l-istorja tinkiteb mill-ġdid.

Il-lezzjoni bis-sottotitoli bl-Ingliš hija disponibbli fuq:

<https://www.youtube.com/watch?v=G0lu8AM0o8c&t=17s>



[Kif is-so?jetà ?ivili Litwana qed timmobilizza favur l-Ukrajna](#)

Minn Emilis Ruželė, membru tal-KESE, il-Litwanja

Sal-bidu ta' Marzu, il-poplu Litwan kien għamel donazzjonijiet ta' aktar minn EUR 12-il miljun. L-organizzazzjoni tiegħi, Investors'

Forum, għamlet

donazzjoni ta' EUR 1000 u l-kumpaniji membri tagħna taw aktar minn EUR 300 000 lil diversi organizzazzjonijiet li qed jgħinu lill-Ukrajna.

Stiprūs Kartu (Aktar b'saħħitna flimkien) hija organizzazzjoni ta' volontarjat li tgħin fit-tiftix ta' mezzi tat-trasport, akkomodazzjoni u riżorsi oħra għar-refuġjati mill-Ukrajna. Investors' Forum żgurat li nofs l-uffiċċju tagħha f'Vilnius ikun disponibbli biex jgħin, u huwa lest li jospita familja ta' refuġjati hemmhekk. Jiena personalment warrabt spazju fl-appartament tiegħi biex inkun nista' naċċetta r-refuġjati.

Fl-aħħar, f'Vilnius, in-nies qed jipprotestaw kuljum quddiem l-ambaxxata Russa.



Il-Portugall: Dimostrazzjonijiet pubbliċi jgħidu “Le għall-gwerra! Iva għall-paċi!”

Minn Fernando Manuel Maurício de Carvalho, membru tal-KESE

Id-dimostrazzjoni pubblika saret f’Largo de Camões, Liżbona, fl-10 ta’ Marzu, f’xita qliel, u d-dimostranti tkellmu kontra l-gwerra, is-sanzjonijiet u dawk li jiggwadanjaw mill-bejgħ tal-armi jew li

jużaw il-gwerra bħala skuża għall-militarizzazzjoni. Kien hemm dimostrazzjonijiet fi nħawi oħra tal-pajjiż.

Id-dimostranti f’Liżbona ġarrew bnadar blu jew bojod bi grafika mpingġija bl-idejn ta’ ħamiema bajda u l-kelma “paċi”. “Temmu l-gwerra, agħtu ċans lill-paċi” kien il-messaġġ li ħareġ fl-avveniment, li kien fih diversi diskorsi. Fost dawn id-diskorsi, kien hemm wieħed minn João Coelho, mill-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Ħaddiema Portugiżi (CGTP-IN), li kkundanna l-hekk imsejħa “isqra tal-gwerra”, li jiltaqqgħu fl-Ewropa bil-għan li jżidu l-armi, u lil dawk in-nies li issa kienu qed isiru sinjuri mill-bejgħ tal-armi.

Il-Konfederazzjoni CGTP-IN esprimiet is-solidarjetà tagħha mal-ħaddiema u l-vittmi tad-delitti tal-gwerra u, b’mod partikolari, ma’ dawk fl-Ukrajna. L-azzjonijiet tal-CGTP-IN minn dejjem kienu xprunati mill-prinċipji li tiġi difiża l-paċi u li jiġu kkundannati r-reati tal-gwerra, u s-CGTP-IN tenfasizza l-bżonn li ntemmu l-gwerra u agħtu ċans lill-paċi.

Qed insejġu għal djalogu sabiex tinkiseb soluzzjoni paċifika għall-kunflitt. Il-gwerra mhix is-soluzzjoni, u t-tħassib tagħna huwa dwar il-ħaddiema u l-poplu tal-Ukrajna, u tal-pajjiżi kollha, għaliex huma l-ewwel li jiġu affettwati mill-gwerra u l-qerda, u bl-iżjed mod aħrax.

Nemmnu li sabiex niddefendu l-paċi, hemm bżonn niġġieldu kontra l-militariżmu u t-tellieqa tal-armi, waqt li nikkonċentraw fuq soluzzjoni paċifika, li tinvolvi l-ħolqien ta’ ftehimiet jew mekkaniżmi tad-djalogu abbażi tal-fiduċja reċiproka, il-kooperazzjoni u s-sigurtà tal-pajjiżi u l-popli tal-Ewropa. Għalhekk, hemm il-bżonn urġenti li ntemmu l-eskalazzjoni militari attwali.

L-impożizzjoni ta’ sanzjonijiet ma ttemmx il-gwerra u jkollha konsegwenzi fuq il-ħaddiema u n-nies, kemm fil-pajjiżi affettwati kif ukoll f’dawk li mhumiex. Is-sanzjonijiet kontra pajjiżi bħall-Iraq urew dawn l-effetti u d-deterjorament li rriżulta fil-kundizzjonijiet tal-għajxien, flimkien mar-riperkussjonijiet għal pajjiżi oħra. Dan jitlob li jittieħdu miżuri issa sabiex nindirizzaw l-attakki fuq id-drittijiet li jipperikolaw il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-ħaddiema.

CGTP-IN tirrimarka li hemm bżonn niżguraw appoġġ sħiħ għar-refuġjati, u li jeħtieġ li niġġieldu kontra kull forma ta’ razziżmu u ksenofobija, u tenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ umanitarju biex nindirizzaw l-isfidi li jaffaċċjaw in-nies fl-Ukrajna u fil-pajjiżi ġirien.

Għal darb’oħra nesprimu s-solidarjetà tagħna mal-popli li huma vittmi tal-gwerra, b’mod partikolari n-nies u l-ħaddiema mill-Ukrajna, iżda wkoll dawk fil-Palestina u fis-Saħara tal-Punent, il-Jemen, is-Somalja, is-Sirja u l-Afganistan. Fl-istess ħin, nissottolinjaw li t-triq lejn il-paċi trid tinbena f’konformità mad-dritt internazzjonali u fi ħdan il-qafas tan-NU.

“Id-dar tagħna għandha tkun id-dar tagħhom”

Isimgħu lill-membru tal-KESE **Ionuț Sibian** jiddeskrivi l-mobilizzazzjoni massiva tas-soċjetà ċivili Rumena favur ir-refuġjati Ukreni li qed ifittxu kenn mill-gwerra, u jinkoraġġixxi lis-soċjetà ċivili Ewropea kollha biex tilqa’ l-ġirien mill-Ukrajna: “Dan huwa l-messaġġ li jeħtieġ li nagħtu lid-dinja: Id-dar tagħna fi Brussell għandha tkun id-dar tagħhom. Aħna ninsabu hawn u se nieħdu ħsieb il-kollegi tagħna mill-Ukrajna biex nipprovdulhom xibka ta’ sikurezza, appoġġ morali u dak kollu li huwa meħtieġ”.

Solidarjetà Ewropea fl-azzjoni

Ara lil **Antje Gerstein** mill-Ġermanja hekk kif tiddeskrivi l-għajnuna tabilħaqq konkreta li s-soċjetà ċivili Ġermaniża qed tagħti lir-refuġjati Ukreni.

“Il-mobilizzazzjoni rapida tagħna biex nappoġġjaw l-Ukrajna, il-poplu tagħha, in-negozji u s-soċjetà ċivili tagħha b’azzjonijiet konkreti tagħmilni kburija. Diversi kumpaniji Ġermaniżi tal-bejgħ bl-imnut u tal-ikel ikkonsenjaw 4000 tunnellata ta’ ikel lill-Ukrajna. Din hija s-solidarjetà Ewropea fl-azzjoni.

Spanja: Il-UGT tagħti per?entwal tal-ba?it għall-għajnuna umanitarja

F’dan il-video, il-membru Spanjol tal-KESE Salgado Manuel Garcia jappella għall-“paċi, solidarjetà u rispett” u jħabbar li t-trade union li huwa jagħmel parti minnha wegħdet li tgħin lill-Ukreni milquta mill-gwerra.

“F’isem l-Unión General de Trabajadores, l-akbar trade union fi Spanja, nikkundannaw bis-sħiħ l-invażjoni tal-Ukrajna mill-forzi armati ta’ Vladimir Putin. Dan mhux biss attakk kontra l-valuri fundaturi tal-Unjoni Ewropea, iżda wkoll attakk kontra l-persuni ċivili. Nappellaw b’mod urġenti għas-solidarjetà u l-għajnuna umanitarja”.



Rispons politiku, ekonomiku u strateġiku g'all-gwerra fl-Ukrajna

Minn Cinzia del Rio, membru tal-KESE, l-Italja

L-invażjoni Russa tal-Ukrajna se tibdel ir-relazzjonijiet ġeopolitiċi u ekonomiċi fid-dinja, u ċertament bejn ir-Russja u l-UE. L-intervent militari xokkanti, li qed jikkawża vittmi fost il-popolazzjoni ċivili u l-qerda tal-bliet u l-istrutturi ċivili u ekonomiċi tal-pajjiż, ġie kkundannat b'konvinzjoni u bil-qawwa mill-komunità internazzjonali demokratika u l-moviment tat-trade unions.

Esprimejna l-appoġġ sħiħ tagħna għall-poplu Ukren, organizzajna dimostrazzjonijiet kontra Putin u l-gwerra mhux provokata tiegħu u aħna nappoġġjaw l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet ekonomiċi severi kontra r-Russja, li għandhom jagħmlu pressjoni fuq ir-reġim. Wara xahar u nofs, l-atroċitajiet qed jissoktaw, il-kurituri umanitarji huma diffiċli, miljuni ta' persuni Ukreni telqu mill-pajjiż biex ifittxu kenn fil-pajjiżi tal-UE, ħafna aktar huma spostati fl-Ukrajna u n-negozjati dwar il-waqfien mill-ġlied u l-proċess ta' paċi għadhom lura.

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, it-trade unions u l-NGOs fl-UE, u b'mod partikolari fil-pajjiżi li jmissu mal-Ukrajna, urew is-solidarjetà inkondizzjonata tagħhom, billi pprovdew lir-refuġjati b'għajjnuna immedjata, kura medika, kenn, ikel, ħwejjeġ u mediċina. Id-[Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja](#) kienet fundamentali biex tiggarrantilhom il-protezzjoni u d-drittijiet fl-UE, u biex tgħinjom jindirizzaw l-emerġenza u jintegraw fis-soċjetajiet tagħna kemm jista' jkun. Barra minn hekk, irridu nżommu f'moħħna li 80% tar-refuġjati huma nisa u tfal, li qed jesperjenzaw għall-ewwel darba l-moħqrija u l-vjolenza tal-gwerra, b'konsegwenzi psikoloġiċi li jimmarkawhom għal dejjem. L-UE trid tkun viġilanti biex tiżgura l-protezzjoni ta' dawn il-gruppi vulnerabbli u tindirizza r-riskju tat-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali wkoll.

L-invażjoni Russa tal-Ukrajna kkonsolidat l-identità nazzjonali tal-Ukrajna, l-orjentazzjoni ġeopolitika lejn id-demokrazija tal-Punent u aċċellerat il-bidu tal-proċess tal-adeżjoni mal-UE; hija reġgħet għaqqdet – b'relazzjonijiet sodi – lill-UE u lil l-Istati Uniti, saħħet in-NATO fil-fruntieri tal-Ukrajna, u laqqgħet flimkien il-pajjiżi tal-UE li rreaġixxew b'kundanna unanima tal-invażjoni Russa u l-brutalità tal-gwerra. Iżda, wara l-ewwel pakkett ta' sanzjonijiet tal-UE, li dan l-aħħar ġew estiżi għall-importazzjonijiet tal-faħam, illum huwa impossibbli li tittieħed deċiżjoni komuni dwar il-projbizzjoni tal-importazzjonijiet, speċjalment tal-gass u taż-żejt, għaliex dan ifisser li l-Ewropa jkollha ftitex malajr sorsi alternattivi ta' provvista sabiex ma tagħmilx is-sopravivenza ekonomika tagħha dipendenti mir-Russja. Iżda għadna mhux lesti, għandna bżonn l-unanimità tal-gvernijiet Ewropej, u l-impatt ta' imblokk Russu totali tal-esportazzjonijiet tal-enerġija fuq il-PDG nazzjonali se jkun drammatiku għal ċerti pajjiżi.

Dan ifisser l-għeluq ta' xi intrapriżi u telf ta' impjegi wara l-kriżi tal-pandemija. Naturalment, dan ser jieħu ż-żmien għal embargo totali fuq il-gass u l-idrokarburi, iżda wittejna t-triq u r-relazzjonijiet ekonomiċi preċedenti mar-Russja twarrbu għal dejjem. Madankollu, f'dan il-kuntest, l-UE għandha r-responsabbiltà ssalva dak li fadal mill-ekonomija tal-Ukrajna, sabiex tiġi evitata katastrofi li tiegħu fit-tul u sabiex tnedi djalogu konkret mal-Ukrajna dwar il-proċess tal-adeżjoni, mingħajr ma ssir ħsara lill-proċess tal-adeżjoni tal-Balkani tal-Punent.

L-UE trid tistabbilixxi miżuri kumpensatorji biex tindirizza l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi tal-kunflitt u s-sanzjonijiet relatati fuq pajjiżi tagħna. Ma nistgħux ninjoraw il-fatt li s-sanzjonijiet fuq ir-Russja se

jkollhom impatt fuq il-miri tal-iżvilupp sostenibbli tal-UE, li qbilna dwarhom flimkien mal-investimenti tal-pakkett Next Generation EU. Iżda, jeħtieġ li nkomplu nirrispettaw l-impenji li għamilna b'rabta mat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali kif ukoll niżguraw dimensjoni soċjali aħjar fl-Ewropa.

Din il-gwerra għandha konsegwenzi serji wkoll għall-provvista tal-ikel fl-Ewropa u fid-dinja. Hija se tkompli taggrava s-sitwazzjoni diġà diffiċli għall-bdiewa u l-konsumaturi Ewropej, minħabba ż-żieda fil-prezzijiet. Irridu niffukaw fuq miżuri li jiżguraw is-sigurtà tal-ikel fl-UE, kemm fuq perjodu qasir ta' żmien wara l-invażjoni kif ukoll fuq perjodu itwal ta' żmien. Sadanittant, m'għandniex ninjoraw l-impatt qawwi tal-gwerra fuq il-provvisti tal-ikel f'pajjiżi mhux tal-UE wkoll. Għandha tiġi evitata kriżi soċjali u ekonomika ġdida, u l-ispekulaturi tal-prezzijiet tal-ikel u taż-żejt għandhom jitwaqqfu, u għandhom jitqiesu miżuri li jintaxxaw il-profitti addizzjonali tagħhom.

Iżda l-prijorità hija li tintemm il-gwerra u li jinstab mod kif ikunu jistgħu jinbdeu in-negozjati u l-proċess ta' paċi. L-UE għandha ssir attur ġeopolitiku ġenwin, l-attur ewlieni fil-proċess, minħabba li l-futur tagħha jinsab fil-periklu. Iċ-Ċina u t-Turkija għandhom il-vantaġġi politiċi u ekonomiċi tagħhom f'dawn in-negozjati, iżda mhumiex il-promoturi tad-demokrazija u tar-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dan jikkostitwixxi punt ta' bidla fl-istorja tal-UE, b'implikazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u strateġiċi għad-dinja kollha. L-UE għandha tassumi responsabbiltajiet ġodda u timxi lejn integrazzjoni politika aktar b'saħħitha: ma jistax ikollna sistema ta' difiża komuni mingħajr politika barranija komuni u integrazzjoni politika aktar b'saħħitha u aktar koeżiva. Kull tip ta' aġir lejn id-difiża integrata għandu jġib miegħu kontroll demokratiku ċar fuq sistema bħal din.

Ir-riskju tal-gwerra ġewwa l-Ewropa għandu jservi bħala xprun biex il-gvernijiet tal-UE jaħdmu favur proċess ċar ta' integrazzjoni politika fil-qafas tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

L-UE għanda tiddefendi u tipproteġi l-valuri tagħha, u għandha r-responsabbiltà li tippreserva l-paċi li ggarantixxjona fl-Ewropa f'dawn l-aħħar 70 sena.



Mument Ewlieni g'as-Soġjetà Ċivili fl-Ewropa

minn Andris Gobiņš, membru tal-KESE, il-Latvja

Ilkoll kemm aħna nistgħu nikkontribwixxu biex il-libertà terġa' tinkiseb b'mod aktar rapidu u aktar sostenibbli. Hawn issibu xi ideat kif nagħmlu dan, abbażi tal-esperjenza tiegħi li trabbejt f'familja ta' refuġjati eżiljati u issa qed naħdem fil-Latvja.

1. Irridu nifhmu l-għanijiet tagħna u naġixxu b'mod adatt.

Huwa ċar li aktar ma l-Ukrajna tinħeles malajr u għalkollox mill-okkupazzjoni u t-terror tar-Russja, inqas ma jkun hemm qtil, stupru, tortura, tbatija u ħsara. U anqas ma jkun hemm impatt negattiv fuq il-bqija tal-Ewropa.

Irridu nagħmlu dak kollu li hemm bżonn (iva, "dak kollu li hemm bżonn") biex ngħinu lill-Ukrajna tirbaħ din il-ġlieda kontra t-terror u nsalvaw il-futur tal-UE u tal-Ewropa. Iva, aħna bħala s-soċjetà ċivili nistgħu nikkontribwixxu għal dan permezz ta' pressjoni fuq dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet tagħna u diskussjonijiet magħhom u permezz ta' azzjoni aħjar u rabtiet aktar b'saħħithom mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

2. Dawn huma xi talbiet li s-soċjetà ċivili tista' tagħmel lill-gvernijiet:

- Talba għal azzjoni mill-politiċi (inklużi dawk li huma membri tal-organizzazzjoni tagħkom jew ħbieb tagħha). L-armi kollha meħtieġa għandhom jitwasslu u għandhom jiġu infurzati sanzjonijiet totali u b'saħħithom. Ma hemmx lok għat-taffija tat-tensjoni. - Dan huwa dak li rridu nagħmlu.
- L-istabbiliment ta' azzjoni b'saħħitha li tillimita t-tixrid tal-aħbarijiet foloz u l-manipulazzjoni u l-ġlieda kontrihom. - L-UE trid taġixxi b'mod aktar b'saħħtu.
- L-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' paċi, irkupru u reżiljenza għall-Ukrajna u l-Istati Membri li jinsabu fil-fruntiera tal-Lvant tal-UE, li jagħmel lil dan ir-reġjun l-aktar reġjun stabbli u għani fid-dinja.

3. Azzjoni possibbli fi ħdan is-soċjetà ċivili u għall-benefiċċju tagħha:

- L-ibbojkottjar tal-importazzjonijiet kollha mir-Russja, inkluż l-enerġija, u ta' kumpaniji li jkomplu jikkooperaw mar-Russja jew fit-territorju tagħha u x-xiri ta' prodotti Ukreni. - Irridu nagħmlu aktar f'dan ir-rigward.
- Ningħaqdu man-network informali ta' trade unions li jirrifjutaw li jgħabbu/jħottu l-bastimenti Russi eċċ., nappoġġjaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jikkooperaw mal-Ukrajna jew ngħinu lir-refuġjati Ukreni.
- Ejjew nieħdu azzjoni f'dawn l-oqsma kollha!
- L-inklużjoni ta' suġġetti relatati mal-Ukrajna u l-istedina ta' rappreżentanti mill-organizzazzjonijiet Ukreni fil-laqgħat tagħkom fl-organizzazzjonijiet u n-networks tagħkom, kif għamilna fis-sezzjonijiet tal-KESE u fil-Plenarja tagħna. - Ejjew nibqgħu sejrin hekk!

Konklużjonijiet: - M'għandux ikun hemm l-iċken gwadann/benefiċċju għall-aggressur, ir-Russja. L-UE se tiggwadanja l-aktar jekk l-Ukrajna ssir Stat Membru.

Kif nenfasizzaw b'mod ċar ħafna fir-Riżoluzzjoni tagħna, il-KESE "jemmen li huwa tal-akbar importanza għall-UE u għall-komunità internazzjonali li l-ebda fruntiera ma tinbidel permezz ta' mezzi militari, u li l-aggressur ma jikseb l-ebda benefiċċju. Huwa l-istat tad-dritt li jeħtieġ li jiġi difiż, mhux id-drittijiet ta' min hu l-iżjed b'saħħtu, u l-Ukrajna tiġi kkompensata bis-sħiħ." Kwalunkwe azzjoni oħra tkun ta' dannu kbir għall-UE u għall-paċi dinjija u jkollha spiża għolja inkonċepibbli, kemm f'termini umani kif ukoll finanzjarji.

Nemmen li l-Ukrajna għandha ssir Stat Membru sħiħ tal-UE u li se ssir dalwaqt. L-UE se tkun aktar b'saħħitha u, iva, f'pożizzjoni aħjar bl-Ukrajna fi ħdanha. U m'hemm l-ebda dubju dwar ir-rieda tal-Ukrajna biex twettaq ir-riformi li fadal u li huma meħtieġa u lanqas dwar l-impatt pożittiv enormi fuq il-valuri u l-politiki relatati fl-UE.

Niġbed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Latvja se jippromovu l-inizjattivi #UkraineSolidarity u #UkraineInTheEU billi jiżirgħu żrieragħ tal-ġirasol fid-9 ta' Mejju, Jum l-Ewropa. Se jieħdu sehem istituzzjonijiet ewlenin tal-UE u oħrajn. Ingħaqad magħna!

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributori għal din l-edizzjoni huma

Amalia Tsoumani (at)
Agata Berdys (ab)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Giorgia Battiato (gb)

Thomas Kersten (tk)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Katerina Serifi (ks)

Technical support
Bernhard Knoblach (bk)

Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soġjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b'ala r-rapport uffijjali tal-?idmiet tal-KESE; g'al dawn, jekk jog??bok irreferi g'all-?urnal Uffi?jali tal-Unjoni Ewropea jew g'al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissemma b'ala s-sors u tintbag?at link lill-editur.

05/2022